**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Manuel Spiteri bin Guzepp u Maria Antonia nee Farrugia li joqghod 32, Xuxa Street, Kercem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 49359 (G)**

Illum 15 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-14 t' April 1999 ghal habta tat-8.40a.m. fi Triq Fortunato Mizzi Victoria saq xarabank FBY 017, (1) b'manjiera traskurata, (2) perikoluza, (3) kif ukoll talli naqas li jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u jieqaf meta kien qed javvicina lejn "Pedestrian Crossing" meta din kienet qed tigi wzata mill-pubbliku u (4) aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, laqat u tajjar lil Maria Vassallo u nvolontarjament ikkagunalha griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr Anthony Galea Debono u skond ma ccertifika Dr Julian Portelli MD ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk l-imputat jinstab hati, barra l-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz mill-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' zmien li jidhrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwerelanta kienet qed taqsam mit-triq fuq iz-zebra crossing wara, li skond hi, waqfitilha vettura u ghamlitilha sinjal biex taqsam. Malli qabzet nofs it-triq sabet ix-xarabank misjuq mill-imputat, ma' wiccha. Spiccat ma' l-art u garrbet griehi f'rasha li damu biex fiequ u sal-lum ghadha tbati bl-isturdamenti.

L-imputat jghid illi huwa kien wieqaf quddiem il-kumpless ta' l-Arcadia tant li kien nizel mix-xarabank izda sabu maghluq u rega' tela' fuq ix-xarabank biex isuq meta sab lill-konvenuta taqsam mix-xellug ghal-lemin tat-triq. Ra ghaddejja pass mghaggel, u f'hin minnhom gholliet idejha t-tnejn u zammet mal-bus, fi kliem l-imputat "imbuttat il-coach" u l-imputat jiddubita jekk verament laqatx lill-kwerelanta.

Ikkunsidrat illi ma hemmx dubju illi l-incident sehh fuq iz-zebra crossing u li l-kwerelanta kienet lahqet qasmet nofs it-triq. Ma jirrizulta l-ebda speed eccessiv da parti ta' l-imputat u l-verzjoni tieghu li kien ghadu kemm jibda jsuq bil-mod hija korraborata mill-fatti speci tal-kaz. Jirrizulta izda illi l-imputat ma kienx attent fis-sewqn tieghu imma meta ma rax lill-kwerelanta kif ukoll meta ma ntebahx bil-vettura li kienet waqfet biswit tieghu biex taghti dritta lill-kwerelanta halli taqsam min fuq iz-zebra crossing. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat huwa responsabbli ta' l-incident de quo.

Dwar il-feriti subiti jirrizulta illi inizjalment il-kwerelanta sofriet griehi ta' natura hafifa konsistenti f'ferita f'rasha izda ma garrbet ebda ksur jew kumplikazzjoni salv illi tbati mill-isturdamenti u l-ferita damet biex fieqet peress illi l-kwerelanta hija diabetika. L-ispecjalist Dr Julius Kvas qal li l-ferita tant kienet hafifa li ma kienetx timmerita aktar kura min naha tieghu. Dr Galea Debono, izda, kien ezamina lill-kwerelanta u irrizultalu illi s-sintomi taghha jammontaw ghall-feriti ta' natura gravi peress illi tbati min "post concussion syndrome".

Ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) u 18 tal-Kap 65 u Regolament 89 (1) ta' l-Avviz Legali 128/94 u artikolu 328 (6) Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tenut kont illi ma kien hemm l-ebda sewqan bi speed eccessiv izda pjuttost sewqan b'aljenazzjoni momentarja, tichad it-talba ghas-sospensjoni jew revoka tal-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur